# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.

Appell Nru: 431/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Kurt Buttigieg**

Illum, 10 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kurt Buttigieg, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab ir-riforma tas-sentenza appellata u b'mod sussidjarju varjazzjoni fil-piena;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kurt Buttigieg detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 559081M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta' Novembru, 2011 u matul l-ahhar xhur ta' qabel din id-data:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 3292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. u aktar talli kkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh;

e. kif ukoll talli sar recidiv wara diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar il-5 ta' Dicembru, 2007 moghtija mill-Magistrat Dr M Mallia LL.D.; kif ukoll ta' nhar it-12 ta' Marzu, 2009, 15 ta' April, 2010 u 16 ta' Gunju, 2011, liema sentenzi gew moghtija kollha mill-Magistrat Dr S Demicoli LL.D, liema decizjonijiet saru definittivi.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Ottubru, 2014, li biha ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u minnu lliberatu, izda, sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' erba' (4) snin, u ghal multa ta' hamest elef Ewro (€5,000). Inoltre ordnatlu ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn tliet mija u hamsa u sittin Ewro u tnax-il centezmu (€2,365.12) u ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' sitt mija u ghaxar Ewro (€610) u tal-mobile phone esebiti. L-istess Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezebita.

Rat illi fir-rikors tieghu l-appellant talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux mhux hati tal-ewwel imputazzjoni; thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni u t-tielet akkuzi [recte: imputazzjonijiet], u tilliberah minnhom; u b'mod alternattiv, tirriformha fil-parti ta' piena dwar it-tieni u it-tielet imputazzjonijiet u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja il-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati huma li persuna mgharufa lill-Pulizija ta' kontra d-droga kienet intlemhet diehla f' *taxi* f'Santa Venera. Dan qajjem suspett lill-Pulizija li talbet ghall-aktar assistenza fejn allura waslet fuq il-post vettura ohra tal-Pulizija, izda stante li l-passiggier nizel wara ftit, l-ewwel vettura segwiet lill-passiggier

u t-tieni wahda segwiet lill-vettura tal-appellant li meta twaqqaf u saritlu tfittxija instab fuq il-persuna tieghu, fil-qalziet ta' taht, *sachette* b'sustanza u ammont ta' sitt mitt ewro flus kontanti. Fit-triq, madwar metru u nofs boghod minn fejn kien mwaqqaf bil-vettura tieghu, instabet ukoll borza kontenenti 13-il *sachette* ukoll b'sustanza, li kienu simili ghal dik misjuba fuq il-persuna tal-appellant. Il-passiggier kien ukoll mwaqqaf u saret tfittxija fuqu izda ma nstab xejn suspettuz;

2. L-aggravji tal-appellant fil-mertu huma diversi u ser ikunu trattati *seriatim* fl-isfond ta' ezami approfondit tal-provi sabiex ikun accertat jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. L-ewwel ilment tal-appellant hu li kullma instab fuqu kien *sachette* wiehed kontenenti ftit anqas minn nofs gramma trab li jikkoncedi li kien fiha 25% kokajina. Dwar il-borza li nstabet, skond hu, ftit metri 'l boghod minnu bi tlettax-il sachette fiha izda, l-appellant iressaq diversi argumenti kontra r-ragunament tal-ewwel Qorti li kkonkludiet li din ma setghet kienet ta' hadd aktar hlief l-imputat;

3. Fost l-aktar aspetti saljenti dwar din il-borza, hemm illi din instabet madwar metru u nofs boghod mill-vettura u mhux diversi metri kif jghid l-appellant. Dak inhar kienet ilha niezla xita l-gurnata kollha u minkejja dan, meta intlemhet mill-Pulizija waqt it-tfittxija, din ma kellhiex qatra ilma fuqha u b'hekk ikkonkludew illi din kienet ghadha kemm intremiet mill-imputat. It-tfittxija kompliet fir-residenza tal-imputat fejn instabu boroz maqtughin f'kantunieri. Fuq din il-borza saru ezamjiet forensici fejn kien accertat illi it-tlettax-il *sachettes* kienu ukoll kokaina izda mill-impronti digitali misjuba fuqha li kienu tajbin ghall-komparazzjoni, ma nstabet ebda impronta li taqbel mal-impronti tal-imputat. Isegwi ghalhekk li jehtieg ezami tar-ragunament tal-ewwel Qorti li bih ikkonkludiet li dik il-borza kienet tal-imputat;

4. L-ewwel Qorti bdiet bil-premessa illi mhux solitu li wiehed jinkontra boroz fit-triq mimlija b'sustanza bajda. Wara rassenja ta' sentenzi tal-Qrati taghna dwar l-element xjenti u dak tal-pussess u il-kontroll tal-post fejn tkun instabet id-droga, rradikat il-hsieb taghha fuq il-premessa korretta li kien jokkorri li jkun pruvat minghajr ebda dubju ragonevoli illi l-imputat mhux biss kellu xjenza tad-droga izda kien ukoll fil-pussess effettiv taghha qabel ma nstabet mal-art mill-pulizija. Wara dan l-ezami, l-ewwel Qorti kkonkludiet hekk:

*Illi l-fatturi li jwasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni taghha, huma li l-borza li nstabet ghand l-imputat hija b'kumbinazzjoni bl-istess ghoqiedi bhal dawk illi nstabu mal-art, dejjem bid-droga kokaina. Instabu wkoll boroza, kantunieri tal-istess gor-residenza tieghu, generalment intizi bhala kontenitur tad-droga. / Illi fattur iehor illi juri li d-droga qabel kienet f'kustodja hija li l-boroz kienu nexfin. L-unika konkluzzjoni li tista' tasal ghaliha din il-Qorti, hija li d-droga ntefghet mal-art mill-imputat – del resto ghazel hu li ma jaghti ebda prova kuntrarja ohra sodisfacenti sal grad tal-probabbli. Saljenti wkoll li meta l-imputat inhareg mill-vettura u bdiet issir is-search, kien ghal kollox wahdu. / Illi ghaldaqstant, kif gia' ntqal, il-Qorti tqis illi d-droga kollha misjuba kienet ta' Kurt Buttigieg.*

5. Huwa bil-wisq evidenti illi l-provi mressqa ghal-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti kienu fil-maggior parti taghhom indizzjarji u ezami ta' kull cirkostanza ddirigewha versu l-konkluzzjoni li dik il-borza droga kienet ukoll fil-pussess tal-imptuat qabel ma nstabet fit-triq metru u nofs 'l boghod mill-vettura tieghu. Kif inhu palezement akkolt fil-gurisprudenza in rigward, "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar**

**importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanuel Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Cyrus Engerer tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

> *It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of seceral cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.*

6. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabbret dan kollu f'paragrafu wiehed b'mod eccezzjonali bis-segwenti bran:

> *Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* ***l-assjem*** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala*

*prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija* <u>*b'mod ragonevoli*</u> *kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

7. Applikat dan kollu ghall-kwistjoni odjerna u b'mod partikolari ghar-ricerka dwar jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha minghajr ma din il-Qorti tirrimpjazza dik id-diskrezzjoni, insibu s-segwenti provi indizzjarji,: borza b'14-il pakkett droga fit-triq, metru 'l boghod mill-vettura tal-imputat wara li twaqqaf mill-pulizija; minghajr qatra ilma fuqha meta kienet ilha taghmel ix-xita l-gurnata kollha; bil-kontenut tal-borza jaqbel mal-pakkett misjub fuq il-persuna tal-imputat sia bhala kontenut kif ukoll l-ghamla tal-pakketti; boroz maqtughin f'kantunieri misjuba fir-residenza tal-imputat. L-ewwel Qorti setghet legalment tikkonkludi li l-pakketti kellhom l-istess ghamla ta' ghoqda u *de visu* kienu lkoll jidhru bhal xulxin. Mizjud ma' dan huwa l-fatt illi d-droga misjuba fuq il-persuna tal-imputat u dik misjuba fit-triq ghandhom l-istess identika purita ta' 28%;

8. Issa l-appellant jargumenta illi l-fatt li ma nsabet ebda impronta tal-appellant fuq il-borza kellu jimmilita favur tieghu. Din il-Qorti, izda, tfakkar illi l-espert tal-impronti rrelata illi mill-impronti li legalment jistghu jitqiesu tajbin ghal-komparazzjoni ma sab ebda impronta taqbel ma' dik tal-appellant. L-appellant jargumenta inoltre illi kien jispetta ukoll paragun tal-impronti misjuba fuq il-borza fit-triq mal-impronti tal-

passiggier tal-appellant. Dan ir-ragunament, izda, huwa radikat minn apprezzament zbaljat tal-fatti ghaliex il-passiggier tal-imputat, ghad li kien mgharuf mal-Pulizija bhala midhla fid-droga, rikeb fil-vettura tal-appellant, saqu ghal xi distanza, nizel u kompla bil-pass. Huwa baqa' segwit u eventwalment twaqqaf u saret tfittxija fuqu minn pulizija differenti minn dawk li baqghu isegwu lill-imputat li finalment waqqfuh f'lok differenti. Is-segwenti bran mir-rikors tal-appell juri li l-fatti kif rakkontati mill-imputat ma humiex korretti: *"Illi c-cirkostanzi ko-ezistenti hawnhekk kienu appuntu il-fatt illi il-persuna proprjament suspettata bhallikieku ma setghetx tkun hija stess illi tefghet dawk il-pakketti mal-art. Lanqas akkuzi ma inhargu fil-konfront tal-istess Zammit cioe il-passiggier"*.

9. L-appellant jargumenta ukoll illi l-istqarrija tieghu ittiehdet meta kien *sick* u li r-risposti stess jindikaw li ma humiex koerenti fit-twegibiet tieghu. Anke hawn l-appellant huwa zbaljat ghaliex huwa ttiehed ic-centru tas-sahha sabiex ikun ezaminat dwar ilment ta' ugiegh fi grizmejh u mhux li kien qieghed ibghati minn *withdrawal symptoms* tant illi huwa *common knowledge* li l-medicina lilu preskritta, paracetamol u calpol ma huma xejn assocjati mal-kura ghall-*withdrawal symptoms.* In rigward irid jinghad ukoll illi anke *gratia argomenti* tkun skartata l-istqarrija tal-imputat, il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti tibqa' mhux affetwata. Din il-Qorti ghalhekk ma tara xejn irragjonevoli jew legalment skorett fid-decizjoni tal-ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-borza misjuba fit-triq kienet, ftit qabel, fil-pussess u kontroll tal-imputat;

10. L-appellant iressaq ukoll ilment dwar il-piena erogata ghaliex iqis li din hija wahda harxa u esagerata. L-ewwel argument tieghu qed ikun riprodott : *"Illi wkoll l-appellant qieghed jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti citat il-fatt illi huwa cjoe' l-appellant kien misjub hati fuq tlett imputazzjonijiet qabel id-data ta' din l-akkuza hekk appellata: pero l-istess sentenzi illi dwarhom l-appellant instab li huwa recediv, huma relatati ma' offizi tat-traffiku, sewqan*

*perikoluz, u theddid. Ma jsegwix ragonevolment illi l-appellant ghandu jbati piena harxa t'erba snin prigunerija kagun tal-fatt illi huwa saq b'manjiera perikoluza jew hedded terzi persuni snin qabel, meta din il-piena hija bazata fuq sustanza illecita bhal ma hija kokajina*". Anqas ma jinghad dwar dan ir-ragunament ikun ahjar. L-ewwel Qorti kienet mitluba titratta lill-imputat bhala recediv fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u qalet hekk: "*Rat ukoll is-sentenzi ezebiti, u tqis illi anke l-addebitu tar-recidiva gie ppruvat*". Il-Qorti ma thossx li ghandha tinoltra fuq tifsira ta' recediva fit-terminu tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u li r-recediva, jekk tirrizulta, mhux mehtieg li tkun dwar l-istess imputazzjoni li taghha kien appena misjub hati bhal kif donnu qed jalludi l-appellant. L-artikolu 52 jaghmel eccezzjoni in rigward billi jeskludi ghal fini ta' recediva dawk il-kundanni moghtija ghal delitti maghmulin b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila f'sengha jew professjoni, jew minhabba nuqqas ta' tharis ta' regolamenti. Harsa biss lejn is-sentenza tal-5 ta' Dicembru, 2007 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-appellant huwa juri li din ma taqax that din l-eskluzzjoni la darba misjub hati bi ksur tal-artikoli 121A(1) u 184, 185, 188 u 76 tal-Kodici Kriminali. Hemm umbaghad cirkostanza ohra rilevanti ghal recidiva fis-serq ex artikolu 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll recediva fil-kontravenzjoni ta' nuqqas ta' ottemperament ma' ordni tal-Qorti jew kuntratt fi kwistjoni ta' manteniment ex artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, izda dawn mhux aplikabbli fil-kaz odjern.

11. Marbut mal-argument dwar il-piena, l-imputat jghid illi l-aggravju tad-distanza kien applikat hazin ghaliex hu kien ghaddej minn rahal twelidu bit-*taxi* tieghu u habat li twaqqaf fejn twaffaq, fid-distanza tal-aggravju tal-mitt metru minn skola, club jew centru zghazagh, ghaliex hekk ghazlu l-pulizija. Il-tieni proviso tal-artikolu 20 (2) (b) tal-Kapitolu 10 jipprovdi hekk: "*Izda, ukoll meta persuna tinsab hatja kif provdut fil-*

*paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh….. il-piena tizdied bi grad".* Issa, l-paragrafu (b) (i) jakkludi sejbien ta' htija ta' *reat ta' pussess ta' medicina, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taht tali cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati;*

12. Il-peritt tekniku nominat mill-ewwel Qorti rrelata li l-imputat kien entro d-distanza ta' mitt metru mill-Manchester United Supporters Club, il-Youth Centre li hemm fl-akkwati u l-Our Lady Immaculate School **<u>f'kull</u>** punt indikat mill-prosekuzzjoni igifieri: fejn twaqqaf l-imputat; fejn saret is-search fuq l-imputat; fejn l-imputat kien intlemah ipparkjat l-ewwel darba u fejn rikeb il-passiggier; punt fil-vjagg li ghamel l-imputat; punt fejn nizel il-passiggier; L-argument tal-appellant li hu habat li kien f'distanza ta' mitt metru ghaliex hemm ghazlu li jwaqqfuh il-pulizija ma jirrikjedi ebda kunsiderazzjoni la darba hu gia kien qieghed f'din id-distanza kemm kien ilu osservat mill-pulizija;

13. L-ewwel Qorti ghalhekk applikat il-ligi korrettament meta hadet in konsiderazzjoni sia l-addebitu tar-recediva kif ukoll l-aggravju tad-distanza ta' mitt metru kif spjegat *supra*. Id-diskrezzjoni kwantu il-piena erogabbli hija naturalment fdata f'idejn l-ewwel Qorti u din il-Qorti, bhala wahda ta' appell, ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni kemm il-darba l-piena hekk kominata tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li kellha tinghata piena anqas jew aktar skond il-kaz. L-appellant isejjes l-argument tieghu fuq l-aspett komparattiv u jghid li hemm distakk enormi minn decizjonijiet ohra moghtija mill-istess Qorti dwar ammonti ta' droga hafna aktar minn dik in kwistjoni u jiccita s-sentenza Il-Pulizija vs Richard Attard tat-2 ta' Mejju 2014;

14. Inghad kemm il-darba minn din il-Qorti illi l-paraguni huma odjuzi. L-istess sentenza citata mill-appellant in sostenn tal-argument

tieghu hija ezempju car ghaliex paragun bejn sentenza u ohra m' ghandux necessarjament iwassal ghall-ekwiparazzjoni fil-piena. Il-fatti tal-kaz citat huma diversi minn dak odjern f'diversi aspetti. Ghad il-kwantitajiet ta' droga huma aktar f'dak il-kaz minn dak hawn skrutinat, dak l-imputat mhux biss ma kellux iwiegeb tal-addebitu tar-recidiva u tal-aggravju tad-distanza li bhala konsegwenza ggeneraw awment fil-piena. Inoltre, f'dik il-kawza l-imputat kien ibbenefika minn tnaqqis fil-piena ai termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 sabiex kien finalment ikkundannat ghal-piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs wara ukoll li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' tal-imputat, il-marda u l-kundizzjoni li dwarha kien qed jircievi kura;

15. Ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tidhol fil-labirint tal-paraguni tal-piena bejn sentenza u ohra u tghazel illi tiddisponi minn dan l-aggravju mill-ottika tal-proporzjonalita', tat-trapass taz-zmien kif ukoll tal-fehma tal-legislatur kif espressa f'emendi recenti tal-ligiijiet dwar id-droga. L-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'Novembru tas-sena 2011 u kien deciz b'sentenza tal-21 t'Ottubru 2014 u l-kaz tieghu qed ikun finalment konkluz llum minghajr ebda raguni ta' dewmien attribwibbli lilu. Huwa ma jistghax jibbenefika mill-provvedimenti tal-Kapitolu 537 stante illi l-artikolu 13 tieghu jippreskludi dan meta hemm l-aggravju tad-distanza. Ser jittiehed ukoll in konsiderazzjoni l-element ta' proporzjonalita u ghal dawn il-motivi taqbel li hemm lok ta' temperament fil-piena;

16. Ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-ewwel u t-tielet talba u tichad it-tieni talba u konsegwentement, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ma sabet ebda htija fl-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha kwantu s-sejbien ta' htija dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni bl-aggravju tad-distanza u fl-addebitu tar-recidiva. Tirriformaha f'dik il-parti li biha ikkundannat lill-appellant ghal terminu

ta' prigunerija ta' erba' (4) snin u hlas ta' multa ta' €5,000.00 oltre kundanna ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €2,365.12 billi thassarha kwantu t-terminu ta' prigunerija u multa u minflok tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija ta' sena (1) u disa (9) xhur u ghal hlas ta' multa ta' €3,000.00 u tikkonfermaha kwantu hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €2,365.12. Tikkonferma ukoll l-ordni ta' distruzzjoni tad-droga ezebita mmarkata Dok KB 269.2013 u dan taht il-kontroll tar-Registratur tal-Qrati li ghandu jhejji rapport tal-istess distruzzjoni.